# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. *JOSEPH R. MICALLEF* LL.D.

**Illum, il-Hamis 26 t'April, 2001.**

**Kawza Nru. 3.**
**Citazz. Nru. 30/01 JRM**

**Dottor Louis CASSAR PULLICINO bhala mandatarju specjali ghan-nom u in rappresentanza tas-Socjeta STEVENS PAPER & BOARD BV**

**vs**

**Anthony u Josephine konjugi CACHIA**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-Citazzjoni li bih l-attur nomine wara li ppremetta:

Illi s-socjeta' attrici kienet giet mitluba mis-socjeta' Masterprint Limited sabiex tforni garanzija biex taghmel tajjeb ghal facilita bankarja li din l-istess socjeta' Masterprint Limited kienet ser tottjeni minn Bank of Valletta plc fl-ammont ta' ghoxrin elf lira maltin (Lm20,000);

Illi s-socjeta' attrici pprovdiet garanzija bankarja mahruga minn Amro Bank (Holland) a favur ta' Bank of Valletta plc, kif jidher mid-dokumenti hawn annessi u mmarkati bhala Dok. A;

Illi permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Charles Vella Zarb tad-disgha u ghoxrin (29) ta' Novembru 1994, il-konvenuti ikkostitwew rwiehhom bhala garanti solidali tas-socjeta' Masterprint Ltd. a favur is-socjeta' attrici biex jaghmlu tajjeb ghal kull ammont li jista' talvolta jsir dovut lis-socjeta' attrici fl-eventwalita illi l-imsemmi Bank of Valletta jesercita d-drittijiet tieghu fil-konfront tas-socjeta' attrici u dan kif jirrisulta ahjar mill-istess att li kopja tieghu qed jigi esebit u mmarkat bhala Dok. B;

Illi sussegwentement Masterprint Limited naqset li thallas lura l-ammont avvanzat lilha bil-facilita bankarja moghtija lilha minn Bank of Valletta plc u fuq talba li saret mill-istess Bank, Amro Bank (Holland) hallas is-somma in kwistjoni lil Bank of Valletta u ddebita l-kont tas-socjeta' attrici li nfetah ghal dan il-ghan tal-garanzija fis-somma ta' ghoxrin elf lira maltin (Lm20,000);

Illi ghalhekk is-socjeta' attrici ghandha dritt titlob il-hlas tas-somma ta' ghoxrin elf lira (Lm20,000) minghand il-konvenuti bhala garanti solidali ai termini tal-fuq imsemmi kuntratt tad-29 ta' Novembru 1994;

Illi l-konvenuti, ghalkemm interpellati ghal hlas baqghu inadempjenti;

Ghalhekk l-attur nomine talab lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex, ghar-ragunijiet fuq premessi:

1. Tikkundanna lill-konvenuti solidalment sabiex ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' ghoxrin elf lira (Lm20,000) bl-imghaxijiet bit-tmienja fil-mija (8%) mid-data li sar il-pagament mis-socjeta' attrici sad-data tal-pagament effettiv;

2. Bl-ispejjez kontra l-konvenuti, li jibqghu minn issa ngunti ghas-subizzjoni, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-hmistax (15) ta' Settembru, 2000;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda ta' l-attur nomine;

Rat in-nota tal-konvenuti li biha ammettew it-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tal-konvenuti tiddeciedi billi **tilqa' t-talba ta' l-attur nomine** kif dedotta fic-citazzjoni b'dan illi tikkundanna lill-konvenuti solidalment sabiex ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' ghoxrin elf lira (Lm20,000) bl-imghaxijiet bit-tmienja fil-mija (8%) mid-data li sar il-

pagament mis-socjeta' attrici sad-data tal-pagament effettiv, bl-ispejjez kontra l-konvenuti, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-hmistax (15) ta' Settembru, 2000.

*26 t'April, 2001.*

**Moqrija.**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**26 t'April, 2001.**

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur**
**26 t'April, 2001.**